Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2024/2019(DEC)

29.1.2025

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Kummissjoni għas-sena finanzjarja 2023
(2024/2019(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Romana Tomc

PA_NonLegDec

OPINJONI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora dan li ġej fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

– wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2023, flimkien mar-risposti tal-istituzzjonijiet[1], u r-rapporti speċjali tal-Qorti tal-Awdituri;

1. Jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu li l-Qorti tal-Awdituri ddikjarat li l-kontijiet konsolidati tal-Unjoni għas-sena 2023 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tal-Unjoni f'din id-data;

2. Ifakkar fl-importanza li l-użu tal-fondi tal-UE jiġi mmonitorjat biex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tagħmel użu sħiħ mill-għodod disponibbli biex tindirizza r-riskju ċar ta' ksur serju tal-valuri tal-UE u l-istat tad-dritt;

3. Ifakkar li l-infiq taħt is-subintestatura 2a "Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali" jiffoka fuq it-tnaqqis tad-disparitajiet bejn l-Istati Membri u r-reġjuni tal-UE; jisħaq fuq l-importanza tal-politika ta' koeżjoni tal-UE fl-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-Pjan ta' Azzjoni tiegħu u l-miri ewlenin relatati, li jipprovdu kontribut importanti għall-politiki tal-UE dwar l-impjiegi, is-soċjetà, l-edukazzjoni u l-ħiliet, inklużi r-riformi strutturali f'dawn l-oqsma;

4. Jisħaq, b'mod speċjali, fuq l-importanza tal-FSE+ li għandu l-għan li jikseb livell għoli ta' impjiegi, protezzjoni soċjali ġusta, forza tax-xogħol kwalifikata u reżiljenti, u soċjetajiet inklużivi/koeżivi bħala elementi kruċjali għall-qerda tal-faqar; jesprimi l-ħtieġa li dan jingħata l-appoġġ finanzjarju u politiku kontinwu tal-istituzzjonijiet tal-UE, nazzjonali u reġjonali fit-twettiq tal-objettivi u l-miri tiegħu fis-snin li ġejjin; jissottolinja l-importanza li jiġu involuti mill-qrib l-atturi reġjonali, b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u s-sħab soċjali li jaħdmu fuq il-post fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet iffinanzjati mill-FSE+;

5. Jilqa' t-tnedija tas-Sena Ewropea tal-Ħiliet fid-9 ta' Mejju 2023 bil-għan li tingħata spinta lill-kompetittività tal-impriżi tal-Unjoni, b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), u li jingħata kontribut għall-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità, bil-ħsieb li jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali b'mod soċjalment ekwu, inklużiv u ġust;

6. Jinsab imħasseb dwar il-fatt li l-impenji pendenti totali laħqu livell rekord ta' EUR 543 biljun sa tmiem l-2023, prinċipalment minħabba impenn akbar ta' fondi ta' ġestjoni kondiviża, kif ukoll in-NextGenerationEU (NGEU), iżda jinnota li l-impenji pendenti

[1] ĠU C, C/.../..., ..., ELI: ... / Għadhom mhumiex ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali.

totali huma mistennija li jonqsu fil-perjodu 2024-2026;

7. Jinnota bi tħassib li l-Qorti tal-Awdituri tistma li l-livell ta' żball għall-intestatura 2 tal-QFP "Koeżjoni, reżiljenza u valuri" fl-2023 laħaq 9,3 %, meta mqabbel ma' 6,4 % fl-2022; jissottolinja li dan huwa ferm ogħla mir-rati diġà għoljin tas-snin preċedenti, u dan wassal biex il-Qorti toħroġ opinjoni avversa dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa baġitarja; jirrikonoxxi li l-maġġoranza tal-infiq f'dan il-qasam titqies bħala nefqa b'riskju għoli prinċipalment ibbażata fuq ir-rimborżi u spiss soġġetta għal regoli kumplessi;

8. Jappella biex tittieħed azzjoni urġenti ħalli titnaqqas ir-rata ta' żball fil-futur speċjalment għall-perjodu ta' finanzjament 2021-2027, u jinnota l-osservazzjoni tal-Qorti li l-kumplessità tal-mod kif il-fondi jiġu żborżati għandha impatt fuq ir-riskju ta' żball; jinnota, madankollu, li l-Qorti tirrikonoxxi diversi fatturi li għamlu pressjoni addizzjonali fuq l-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri u żiedu r-riskju fir-rigward tal-kapaċità tagħhom li jiżguraw li l-infiq kien regolari u konformi mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba; ifakkar li dawn il-fatturi jinkludu r-riżorsi addizzjonali sinifikanti ta' REACT-EU li saru disponibbli, u d-data tat-tmiem tal-31 ta' Diċembru 2023 għall-perjodu ta' eliġibbiltà tal-koeżjoni 2014-2020, li għall-aħħar ftit snin ikkoinċidiet mal-perjodu ta' eliġibbiltà tal-RRF;

9. Jesprimi tħassib dwar il-fatt li d-diżimpenji previsti tal-Kummissjoni għall-fondi tal-politika ta' koeżjoni, inkluż il-Fond Soċjali Ewropew Plus, huma ta' EUR 2,2 biljun għall-perjodu 2024-2027, ħames darbiet ogħla mit-tbassir tagħha għall-2022, prinċipalment minħabba assorbiment baxx persistenti; jisħaq li l-Kummissjoni għandha tidentifika modi kif tgħin lill-Istati Membri jtejbu l-assorbiment tal-fondi tal-UE, filwaqt li tiġi rispettata l-ġestjoni finanzjarja tajba;

10. Jinnota li l-inflazzjoni għolja (6,4 %) kompliet taffettwa l-baġit tal-Unjoni; iwissi li, abbażi tat-tbassir tal-Kummissjoni dwar l-inflazzjoni, il-baġit tal-Unjoni jista' jitlef madwar 13 % tal-kapaċità tal-akkwist tiegħu sa tmiem l-2025;

11. Jirrikonoxxi l-progress tal-Kummissjoni fir-rigward tal-internalizzazzjoni tal-persunal tal-crèche; jappella biex jitkomplew l-isforzi ħalli jiġu pprovduti kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin u stabbiltà kuntrattwali;

12. Jitlob lill-Kummissjoni timplimenta mill-aktar fis possibbli r-rakkomandazzjonijiet kollha pendenti tal-Qorti tal-Awdituri.

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR GĦAL OPINJONI RĊEVIET KONTRIBUT MINGĦANDHOM

Ir-rapporteur għal opinjoni tiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tagħha, li ma rċeviet l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

42	+
NI	Branislav Ondruš, Jan-Peter Warnke
PPE	Pascal Arimont, Andrzej Buła, David Casa, Henrik Dahl, Raúl de la Hoz Quintano, Gheorghe Falcă, Niels Geuking, Sérgio Humberto, Martine Kemp, Miriam Lexmann, Jagna Marczułajtis-Walczak, Eleonora Meleti, Dennis Radtke, Liesbet Sommen, Romana Tomc, Andrea Wechsler
Renew	Valérie Devaux, Irena Joveva, Hristo Petrov, Jana Toom, Marie-Pierre Vedrenne
S&D	Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Estelle Ceulemans, Vivien Costanzo, Johan Danielsson, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Marit Maij, Idoia Mendia, Aodhán Ó Ríordáin, Marianne Vind
The Left	Li Andersson, Konstantinos Arvanitis, Özlem Demirel, Rudi Kennes
Verts/ALE	Katrin Langensiepen, Maria Ohisalo, Nela Riehl, Villy Søvndal

9	-
ESN	Petar Volgin
PfE	Nikola Bartůšek, Rachel Blom, Marie Dauchy, Mélanie Disdier, Juan Carlos Girauta Vidal, Pál Szekeres, Séverine Werbrouck
S&D	Marc Angel

6	0
ECR	Elena Donazzan, Chiara Gemma, Marlena Maląg, Francesco Torselli, Mariateresa Vivaldini
The Left	João Oliveira

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni